# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 14**

**Avviz numru 1119/98/SM**

**Taddeo Cassar**

**vs**

**Victor Farrugia u martu Rosaria Farrugia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Marzu ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur harrek lill-konvenuti biex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnhom ikkagunati lill-attur fl-incident stradali li gara fl-1 ta' Settembru, 1997 ghall-habta tad-9.15 p.m. f'St. Thomas Bay Road, Zejtun, waqt li Victor Farrugia kien qed isuq vettura numru tar-registrazzjoni IAJ-587 u bi traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habat mal-karozza nurmu GAM 168 misjuqa minn Joseph Cassar propjeta tal-attur Taddeo**

**Cassar, u kkagunajtilha diversi hsarat, u dan previa d-dikjarazzjoni li huma unikament hatja ghall-istess incident stradali;**

**2. Bl-interessi u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Marzu 1998, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**3. Illi ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat illi l-ammont ma jecedi l-LM200;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-16 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-incident li sehh fl-1 ta' Settembru 1997 fil-limiti taz-Zejtun ma garax tort u htija tal-eccipjenti Victor Farrugia, is-sewwieq tal-vettura numru GAM-168 izda gara tort ta' Joseph Cassar is-sewwieq tal-vettura numru IAJ-587 li kien qed isuq bi speed sperikolat u fuq in-naha hazina tat-triq, u dan kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort u htija tal-eccepjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta' danni risultanti minn dan l-incident;**

**3. Salve eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fl-1 ta' Settembru ta' l-1997 ghall-habta tad-9.15 p.m. fi Triq il-Bajja ta' San Tumas, iz-Zejtun;**

**2. Illi l-vetturi nvoluti fl-incident de quo jirrizultaw li huma dik bin-numru GAM-168 misjuqa mill-konvenut u dik bin-numru IAJ-587 misjqua minn Taddeo Cassar;**

**3. Illi l-incident de quo sehh meta z-zewg vetturi kienu ghaddejjin minn Triq il-Bajja ta' San Tumas iz-Zejtun f'dik il-parti tat-triq li hi dejqa hafna;**

**4. Illi d-danni sofferti mill-attur proprjetarju tal-vettura de quo jammontaw ghall-mija u hamsa u sebghin Lira Maltin, (LM175,00,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi huwa pacifiku l-principju li min jissubixxi danni ghandu kemm jista' jkun jimminimizza l-proliferazzjoni ta' danni ohra;**

**Illi dan jirrizulta abbundantement assodat fil-procedura odjerna;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-incident de quo sehh stante li z-zewg partijiet ghazlu li jarmu l-prudenza fis-sewqan mar-rih u jwebbsu rashom u jkomplu fi triqithom injavi mill-ezigenzi legittimi tal-parti l-ohra;**

**Illi ghalhekk iz-zewg konducenti huma ugwalment responsabbli ghall-kollizjoni in dizamina u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara liz-zewg konducenti Victor Farrugia u Joseph Cassar ugwalment responsabbli ghall-akkadut;**

**2. Tillikwida d-danni reklamati mill-attur fl-ammont ta' mija u hamsa u sebghin Lira Maltin, (LM175.00,0);**

**3. Tikkundanna allura lill-konvenut Victor Farrugia biex ihallas lill-attur Taddeo Cassar l-ammont ta' seba' u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu,**

**(LM87.50,0), bl-ispejjez jibqghu a karigu taz-zewg partijiet b'mod ugwali.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**